

Sabiex janalizza kif il-miżuri tal-ugwaljanza bejn is-sessi jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku fl-UE, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) studja l-impatti sabiex jonqsu l-inugwaljanzi bejn is-sessi f'oqsma rilevanti minn perspettiva makroekonomika: edukazzjoni STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika), attività tas-suq tax-xogħol u paga. Huwa kkunsidra wkoll it-tibdil demografiku meta titnaqqas din id-disparità bejn is-sessi.

L-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa l-ewwel tat-tip tiegħu li juża mudell ekonometriku robust sabiex tinħoloq stima ta' firxa wiesgħa ta' benefiċċji makroekonomiċi ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-UE.

Ir-riżultati ġenerali juru li t-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi ser iwassal għal:

- żieda kbira fin-numru ta' impjegi li jibbenefikaw minnhom kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa;
- sa 10.5 miljun impjeg addizzjonali sal-2050, u li ħafna minnhom jimtlew minn nisa;
- impatti tal-PDG għal kull ras b'saħħithom u pożittivi li jikbru maż-żmien;
- żieda fil-PDG għal kull ras tal-UE ta' kważi 10 % sal-2050.

It-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi jiżgura tkabbir ekonomiku

L-istudju jipprovdi evidenza robusta tal-benefiċċji b'saħħithom, pożittivi u li qed jikbru tal-ugwaljanza bejn is-sessi dwar it-tkabbir ekonomiku. L-impatti pożittivi jistgħu, fil-parti l-kbira tagħhom, jiġu attribwiti għall-indirizzar ta' xi dgħufijiet strutturali tal-ekonomija tal-UE identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020, jiġifieri l-fatt li t-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi ser jgħin sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-impjegi, il-produttività u mat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

L-istudju juri li l-ugwaljanza bejn is-sessi f'qasam wieħed, pereżempju l-edukazzjoni, għandha effett kollaterali f'dominji oħra, bħall-impjieg. Effetti kollaterali jistgħu jwasslu għal titjib parallel fl-edukazzjoni tan-nisa (aktar nisa fl-istudju STEM), titjib fir-rati tal-attività tas-suq tax-xogħol tan-nisa u żieda fil-pagi tan-nisa. Għalhekk, il-fatt li jiġu indirizzati aspetti differenti tal-inugwaljanza bejn is-sessi bħala ħaġa sħiħa x'aktarx ikollu impatti aktar pożittivi milli kieku jiġi indirizzati kull aspekt tal-inugwaljanza bejn is-sessi separatament.


Aktar ugwaljanza bejn is-sessi twassal għal żieda kbira fin-numru ta' impjegi, li jibbenefikaw minnhom kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel.

Rati ogħla ta' impjegi u aktar impjegi

Jekk sal-2050, l-ugwaljanza bejn is-sessi tkun sostanzjalment imtejba, ir-rata ta' impjeg tal-UE ser tilħaq kważi t-80 %, meta mqabbla ma' 76 % fin-nuqqas ta' tali titjib. L-istudju juri li diġà sal-2030, ir-rata tal-impjeg tal-UE ser tilħaq it-72.6 %. Ir-riżultati jissuġġerixxu li minħabba t-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi billi tiġi indirizzata s-segregazzjoni tas-sessi fl-għażliet edukattivi u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fi STEM, fl-2050 se jkun hemm bejn 6.3 miljun u 10.5 miljun impjeg addizzjonali. Madwar 70 % ta' dawn l-impjegi jittieħdu minn nisa. Dan bejn wieħed u ieħor jammonta għal espansjoni tal-impjegi




Figura 1. L-effett tat-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi fuq l-impjieg



Żieda fl-impjieg (titjib rapidu)



Żieda fl-impjieg (titjib kajman)



tal-UE bin-numru totali ta' impjieg f'pajjiż Ewropew ta' daqs medju bħan-Netherlands. Dawn l-impjieg addizzjonali jikkontribwixxu sabiex titnaqqas id-disparità bejn is-sessi fl-impjieg.

Sabiex jinkisbu dawn l-impatti pożittivi, huwa importanti li tiġi indirizzata waħda mill-kawżi ewlenin tal-ugwaljanza bejn is-sessi: id-distribuzzjoni mhux ugwali ta' responsabbiltajiet tal-kura mhux imħallsa bejn in-nisa u l-irġiel. Din il-bidla ser isseħħ jekk l-Istati Membri jneħħu l-ostakoli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għan-nisa, u dan billi jintroduċu miżuri bħal:


- inizzjattivi mtejba relatati mal-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol għall-ġenituri/karrieri;
- aċċess aħjar għall-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja u affordabbli;
- arranġamenti tax-xogħol orjentati lejn il-familja u flessibbli;

- promozzjoni ta' teħid aktar ugwali ta' skemi tax-xogħol flessibbli min-nisa u l-irġiel.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jistinkaw ukoll sabiex inaqqsu d-diskrepanza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għaliex impjieg b'aktar salarju għandhom aktar probabbiltà li jattiraw nisa lejn is-suq tax-xogħol milli pożizzjonijiet b'paga baxxa. Salarji ogħla għandhom aktar probabbiltà sabiex jgħinu lin-nisa joħorġu mill-faqar u jnaqqsu d-differenza fil-pensjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel (EIGE, 2016).

B'mod ġenerali, l-impjieg addizzjonali għan-nisa huma partikolarment importanti għaliex dawn x'aktarx jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku inklużiv billi jtnaqqas il-faqar, li huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020. L-istudju riċenti tal-EIGE dwar in-nisa u l-faqar sab li b'mod ġenerali, in-nisa huma ġeneralment affettwati mill-faqar aktar milli-irġiel minħabba prospettu ta' impjieg aktar baxxi (EIGE, 2016). Għalhekk, il-fatt li n-nisa jkunu f'impjieg, inaqqasilhom ir-riskju tal-faqar.

Figura 2: L-effett ta' titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-PDG għal kull ras



Żieda fil-PDG

L-ugwaljanza bejn is-sessi għandha impatti pożittivi tal-PDG li jikkbru maż-żmien.

Il-PDG għal kull ras jiżdied meta titjeb l-ugwaljanza bejn is-sessi. Ir-riżultati juru li fl-UE ser ikun hemm żieda ta' mhux aktar minn 2 % fiż-żmien medju (2030) u sa 10 % f'terminu twil (2050). Sal-2050 dan jammonta b'mod ġenerali għal żieda possibbli ta' EUR 1.95–3.15 triljun fil-PDG għal kull ras. Jekk l-UE taġixxi issa u taġhti spinta lill-miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (!) f'oqsma bħall-edukazzjoni STEM, l-attività tas-suq tax-xogħol u l-paga, dan ser jippermetti lis-soċjetajiet jibbenefikaw mill-potenzjal sħiħ tan-nisa. Titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi jista' sostanzjalment jikkontribwixxi wkoll għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari minħabba l-impjegji addizzjonali fi STEM meħuda minn nisa.


(!) Il-miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li x'aktarx iwasslu għal numru ikbar ta' nisa li jiggradwaw minn suġġetti STEM, bħat-tneħħija tal-isterjotipi bejn is-sessi fl-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tas-suġġetti STEM għat-tfajliet u għan-nisa u gwida għall-karriera sabiex it-tfajliet jiġu mħeġġa jikkunsidraw jistudjaw f'oqsma ddominati mill-irġiel u s-subien jiġu mħeġġa jikkunsidraw jistudjaw f'dawk iddominati min-nisa. Miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li jistgħu jnaqqsu d-disparità bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol jinkludu, fost l-oħrajn, il-provvediment tal-indukrar tat-tfal u provvediment ta' kura oħra, tibdil fil-pagi u l-kundizzjonijiet tal-liv tal-ġenituri, il-promozzjoni u l-appoġġ ta' arranġamenti tax-xogħol part-time u flessibbli, dispożizzjonijiet u politiki legali dwar paga u kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, it-tneħħija tas-segregazzjoni tas-sessi fis-setturi u okkupazzjonijiet, it-naqqis fin-numru ta' waqfiet fil-karriera fost in-nisa u l-promozzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet għolja.

L-indirizzar tal-isfidi tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fl-UE

Ir-riflessjoni fis-sejbiet ta' riċerka riċenti f'dan il-qasam turi li titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni, fil-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol u qsim aktar ibbilanċjat ta' xogħol tal-kura mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel jista' jwassal għal żieda fir-rati tal-fertilità. L-istudju kkalkula li sal-2030 ir-rati tal-fertilità jiżdiedu b'0–8 %. Rati ogħla tal-fertilità min-naħa tagħhom iwasslu għal popolazzjoni akbar u żieda fil-provvista ta' ħaddiema għal żmien twil. Dan l-istudju jisħaq fuq il-benefiċċji fit-tul ta' żvilupp bħal dan. Sal-2050, iż-żieda fil-fertilità hija stmata li ser twassal għal żieda fl-impjegji ta' 2.5 miljun persuna. Żieda fl-impjegji hija partikolarment importanti fid-dawl tal-projezzjonijiet demografiċi attwali tal-UE, li jwassru żieda sinifikanti fin-numru ta' persuni anzjani inattivi fis-suq tax-xogħol (l-istrateġija Ewropa 2020).



Figura 3: Impatti tal-ugwaljanza bejn is-sessi: differenzi bejn l-Istati Membri fil-PDG fl-2030



Tisħiħ fil-kompetittività

Żieda fl-ugwaljanza bejn is-sessi tista' tagħti spinta lill-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-UE.

Il-miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jistgħu jwasslu għal żieda fil-kapaċità produttiva tal-ekonomija u għal prezzijiet aktar baxxi. Abbażi ta' dawn l-iżviluppi, l-UE tkun tista' tipproduċi aktar prodotti u servizzi lokalmment u ssir aktar kompetittiva fis-swieq internazzjonali. Dan iwassal għal titjib fil-bilanċ tal-kummerċ, fejn l-esportazzjonijiet tal-UE jżiedu b'1.6 % sa 2.3 % u l-importazzjonijiet jonqsu b'0.4 % sa 0.7 % fl-2050. Għaldaqstant, dan jgħin sabiex il-kummerċ internazzjonali jinżamm bħala wieħed mill-magni ewlenin tat-tkabbir tal-UE, f'konformità mal-Ewropa 2020. Barra minn hekk, rati ogħla tat-tkabbir tal-PDG jistgħu jwasslu għal investiment privat

addizzjonali mill-kumpaniji għaliex jagħżlu li jinvestu abbażi tal-benefiċċji mistennija. Ir-riżultati tal-istudju juru li sal-2050 ser ikun hemm żieda fl-investiment fl-UE.

Il-pajjiżi li jżidu l-ugwaljanza bejn is-sessi ser jiksibu benefiċċji akbar

L-impatti stmati taż-żieda fl-ugwaljanza bejn is-sessi jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-Istati Membri, skont il-livell attwali ta' kisba fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi. B'mod ġenerali, ir-riżultati huma pożittivi ħafna, b'xi pajjiżi individwali jesperjenzaw żieda fil-PDG ta' madwar 4 % u oħrajn jaqsbu l-10 %.

L-akbar impatti huma tipikament fil-pajjiżi fejn l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prijorità baxxa. L-istudju juri li dawk il-pajjiżi ser jiggwadanjaw ħafna jekk ipoġġu l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq l-aġenda ⁽²⁾.

L-Istati Membri li attwalment għandhom miżuri limitati dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jiggwadanjaw l-aktar billi jnaqqsu d-disparità bejn is-sessi.

Pajjiżi li għandhom lok kbir għat-titjib jistgħu jiksbu titjib ekonomikament sostanzjali bħala riżultat ta' aktar ugwaljanza bejn is-sessi. Bħala medja, żieda fl-ugwaljanza bejn is-sessi f'dawn il-pajjiżi hija mistennija li twassal għal żieda fil-PDG ta' madwar 12 % sal-2050. Dan jenfasizza l-ambitu għal titjib sostanzjali fl-ugwaljanza bejn is-sessi, li min-naħa tiegħu jista' jgħib benefiċċji ekonomiċi sinifikanti. Il-pajjiżi bl-aħjar prestazzjoni fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi diġà kisbu livelli tajbin ta' ugwaljanza bejn is-sessi u għalhekk diġà jgawdu wħud mill-benefiċċji ekonomiċi assoċjati. Madankollu, it-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi jista' jgħgenera kisbiet ekonomiċi addizzjonali anke f'dawn l-Istati Membri, u ta' spiss dawn jilħqu madwar 4 % tal-PDG.

Ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE: żviluppi riċenti tal-politika

L-ugwaljanza bejn is-sessi kienet impenn politiku għal ħafna żmien fl-Unjoni Ewropea. Sittin sena ilu, il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali sar parti mit-Trattat ta' Ruma, u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel saret wieħed mill-valuri bażiċi tal-Unjoni Ewropea. Sal-lum il-ġurnata, l-għan tal-politiki tal-UE li jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol huwa li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa, li tiġi minimizzata d-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel, u l-fatt li n-nisa u l-irġiel ikunu jistgħu jirrikonċiljaw aħjar il-ħajja tax-xogħol, dik privata u tal-familja.

It-tiżni tal-ugwaljanza bejn is-sessi: il-ħames oqsma prijoritarji tal-UE

1. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol tan-nisa u indipendenza ekonomika ugwali.
2. It-tnaqqis fid-differenzi bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, id-dħul u l-pensjoni u b'hekk jiġi miġġieled il-faqar fost in-nisa.
3. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet.
4. Il-ġlieda kontra l-vjolenza sessista u l-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittimi.
5. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja (Kummissjoni Ewropea, 2015b).

Il-qafas tal-politika attwali li jirregola l-ugwaljanza bejn is-sessi huwa bbażat fuq l-involvement strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016–2019, li ġie ppubblikat bħala segwitu tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2010–2015). L-oġġettivi tal-involvement strateġiku jiffukaw fuq ħames oqsma prijoritarji u għandhom l-għan li jintegraw perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki tal-UE u fil-programmi ta' finanzjament tal-UE kollha. Barra minn hekk, il-patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2011–2020 jirrappreżenta impenn ċar sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan l-UE.

Sabiex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, fost affarijiet oħra hija kruċjali l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma ta' politika ewlenin tal-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-paga.

⁽²⁾ Ir-raggruppament tal-Istati Membri huwa bbażat fuq l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-ElGE



Ewropa 2020: opportunità mitlufa?

Ewropa 2020: disparità bejn is-sessi fl-educazzjoni, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, dmirijiet tal-paga u l-kura

- In-nisa jibqgħu sottorappreżentati fis-setturi STEM. F'dawn l-oqsma, 75 % tal-istudenti huma rġiel.
- Bħala medja, id-diskrepanza bejn is-sessi fl-impjeggi hija ta' 11.6 % fl-UE u tiżdied bin-numru ta' tfal fid-dar.
- Ir-rappreżentazzjoni żejda tan-nisa fix-xogħol part-time taffettwa mhux biss l-involvement tas-suq tax-xogħol tagħhom iżda wkoll ir-riskju tagħhom ta' faqar jew esklużjoni soċjali (fl-2015, bħala medja, 32.1 % tan-nisa ħadmu part-time b'kuntrastrast ma' 8.9 % tal-irġiel).
- Ir-rati ta' impjeggi part-time tan-nisa wkoll jiżdiedu flimkien man-numru ta' tfal li jkollhom. 39 % tan-nisa fl-EU-28 irrappurtaw li r-raġuni ewlenija għaliex ma jfittxux impjieg kienet li "jieħdu ħsieb lit-tfal jew lil adulti inkapaċitati", filwaqt li dan kien il-każ għal 4 % biss tal-irġiel.
- In-nisa jaqilgħu 16.1 % inqas mill-irġiel bħala medja fl-UE, li tfisser li jkollhom jaħdmu madwar 40 jum aktar fis-sena (jew sa l-aħħar ta' Frar) sabiex jaqilgħu dak li qalgħu l-irġiel sal-aħħar tas-sena preċedenti (Eurostat, 2016a, 2016b).

L-Ewropa 2020 tirrikonoxxi li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija meħtieġa sabiex sal-2020 tintlaħaq il-mira tal-impjieg ta' 75 % tan-nisa u l-irġiel fl-UE li għandhom bejn l-20 u 64 sena fix-xogħol. Minkejja l-inizjattiva ewlenija tal-UE "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjeggi" li tirrikonoxxi l-bżonn li tittejjeb il-"kontribuzzjoni tan-nisa għall-ekonomija formali", il-miżuri komprensivi li jiffukaw fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi mhumiex definiti b'mod ċar bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020.

Inugwaljanzi bejn is-sessi persistenti qed jimminaw l-opportunitajiet ekonomiċi tan-nisa u jaffettwaw l-ekonomija kollha tal-UE. Fil-livell tal-politika dan iwassal għal nuqqas f'termini ta' kisba tat-tkabbir inklużiv u sostanzjali kif deskritt fl-istrateġija Ewropa 2020.

Huwa naturali li jiġi konkluż li sa issa, miżuri insuffiċjenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa 2020 jirrappreżentaw opportunità mitlufa. Sabiex tilħaq l-għan ta' tkabbir ekonomiku intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, l-UE għandha ttejjeb il-miżuri eżistenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u tintroduċi aktar minnhom.

Ewropa 2020 u lil hinn

Il-miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli

Il-fatt li n-nisa jiġu m'ħeġġa jipparteċipaw aktar fis-suq tax-xogħol u l-fatt li tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fl-istudji STEM x'aktarx ikunu kontribuzzjoni sostanzjali għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv tal-UE. L-istudju juri li l-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-educazzjoni STEM u s-suq tax-xogħol għandha potenzjal kbir li ttejjeb il-prospetti tat-tkabbir fit-tul fl-UE. Madankollu, dan jitlob bidla strutturali, li hija kruċjali sabiex jiġi żgurat irkupru sostenibbli, intelliġenti u inklużiv mill-kriżi ekonomika riċenti. Dan huwa neċessarju sabiex l-ekonomija tal-UE titpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni għolja tat-tkabbir sostenibbli u sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' telf permanenti fir-rati tal-ġid u t-tkabbir bil-mod.

Sabiex tikseb it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li issa tibda tintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi.

L-UE ma tistax taffordja li tiffetta l-opportunitajiet li l-miżuri tal-ugwaljanza bejn is-sessi joffru. L-UE għandha tintroduċi l-miżuri tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma ewlenin ta' politika mingħajr aktar dewmien sabiex jinkiseb l-impatt mixtieq fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku u t-tkabbir sostenibbli. L-istudju jipprevedi titjib fir-rati ta' impjieg sa mill-2020, u l-aktar impatt b'saħħtu fuq il-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-PDG għal kull ras madwar l-UE fi żmien medju (2030) u fit-tul (2050).

Pjanijiet riċenti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea huma pass fid-direzzjoni t-tajba. F'Awwi 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat pjan direzzjonali li għandu l-għan li jiżviluppa proposta ta' politika komprensiva sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jittejjeb il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol. L-għan huwa li jiġu riformati politiki eżistenti relatati mal-liv u arranġamenti flessibbli tax-xogħol li jaffettwaw b'mod negattiv l-impjieg, il-paga u l-pensjonijiet tan-nisa. Huma meħtieġa wkoll aktar proposti tal-politika li jirrikonoxxu l-potenzjal ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi (Kummissjoni Ewropea, 2015a).

Il-fatt li l-ugwaljanza bejn is-sessi titpoġġa fil-qalba tal-istrateġija ta' segwitu tal-Ewropa 2020 u riformi ta' politika oħrajn bħall-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali, jagħmel lis-sistema ekonomika aktar inklużiva, u jippermetti lin-nisa jissodisfaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u jibbenefikaw huma stess u s-soċjetà kollha. Dan jippermetti

lill-UE sabiex tikseb tkabbir ekonomiku intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Referenzi:

Kummissjoni Ewropea (2015a), *Roadmap — New start to address the challenges of work-life balance faced by working families* (Pjan Direzzjonali — Bidu ġdid sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol ffaċċjati mill-familji li jaħdmu). Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2015_just_012_new_initiative_replacing_maternity_leave_directive_en.pdf

Kummissjoni Ewropea (2015b), *Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016–2019*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/document/files/strategic_engagement_mt.pdf

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (2016), *Poverty, gender and intersecting inequalities in the EU — Review of the implementation of Area A: Women and poverty of the Beijing Platform for Action* (Faqar, inugwaljanzi bejn is-sessi u inugwaljanzi trasversali fl-UE — Reviżjoni tal-implimentazzjoni ta' Qasam A: Nisa u faqar tal-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/ti_pubpdf_mh0416244enn_pdfweb_20161208181320.pdf

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (2015), *Gender Equality Index 2015 — Measuring gender equality in the European Union 2005–2012* (Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2015 — Il-Kejl tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Unjoni Ewropea 2005–2012), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: <http://eige.europa.eu/content/document/gender-equality-index-report>

Eurostat (2016a), *Gender statistics* (Statistika dwar is-sessi). Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Gender_statistics

Eurostat (2016b), *Employment statistics* (Statistika dwar l-impjeg). Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Employment_statistics

Dwar l-istudju

L-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa uniku fil-kuntest tal-UE. Huwa l-ewwel tat-tip tiegħu li juża mudell ekonometriku robust sabiex tinħoloq stima ta' firxa wiesgħa ta' benefiċċji makroekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'bosta oqsma wesgħin bħall-edukazzjoni, attività tas-suq tax-xogħol u pagi.

Ir-riżultati ġenerali tal-istudju juru li aktar ugwaljanza bejn is-sessi twassal għal:

- bejn 6.3 miljun u 10.5 miljun impjieg addizzjonali fl-2050, b'madwar 70 % ta' dawn l-impjegji meħuda min-nisa;
- impatti pożittivi tal-PDG li jikbru maż-żmien;
- żieda fil-PDG għal kull ras ta' kważi 10 % fl-2050.

L-istudju uża l-mudell makroekonomiku E3ME sabiex tinħoloq stima tal-impatti ekonomiċi tat-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi. E3ME huwa mudell makroekonomiku empiriku mfassal speċifikament sabiex jitfasslu eżiti fil-livelli tal-UE u tal-Istat Membru.

L-eżiti tal-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE jinkludu disa' pubblikazzjonijiet:

1. Reviżjoni tal-letteratura: evidenza eżistenti dwar il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-approċċi metodoloġiċi (*Literature review: existing evidence on the social and economic benefits of gender equality and methodological approaches*).
2. Ħarsa ġenerali tal-UE u tal-Istat Membru tal-UE (*EU and EU Member State overviews*).
3. Rapport dwar l-applikazzjoni empirika tal-mudell (*Report on the empirical application of the model*).
4. Kif giet prodotta l-evidenza: dokument informattiv dwar il-qafas u l-mudell teoretiku (*How the evidence was produced: briefing paper on the theoretical framework and model*).
5. Kif ġiet prodotta l-evidenza: skeda informattiva dwar il-qafas u l-mudell teoretiku.
- 6. Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-politika tal-UE: dokument informattiv.**
7. Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi: dokument informattiv.
8. Kif l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.
9. Kif it-tneħħija tad-disparità tal-attività tas-suq tax-xogħol bejn is-sessi u tal-paga twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.

Il-pubblikazzjonijiet kollha, ir-riżultati ta' studju dettaljat u l-metodoloġija jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-EIGE.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE jappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdihom għarfien espert speċifiku u data komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Għal aktar tagħrif:

European Institute for Gender Equality, EIGE

Gedimino pr. 16

LT-01103 Vilnius

LITHUANIA

Tel. +370 52157444

E-mail: eige.sec@eige.europa.eu

<http://eige.europa.eu>

<http://www.twitter.com/eurogender>

<http://www.facebook.com/eige.europa.eu>

<http://www.youtube.com/eurogender>

<http://eurogender.eige.europa.eu/>



ISBN 978-92-9470-020-9
doi:10.2839/250593



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet